MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 18/2011

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea bhala mandatarju specifiku ta' Colin Tait, Caroline Swain u David Tait**

**Vs**

**Anthony Farrugia**

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat l-atturi ppremettew:-

1. Illi bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tad-disgha (9) ta' Lulju elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) l-intimat Anthony Farrugia kien xtara minghand Giorgia Meylak, porzjon diviza mill-art imsejha 'Ta' Wara ta' Ghammar' fil-limiti ta' Ghasri, Ghawdex tal-kejl ta' madwar elf tliet mija u tletin metri kwadri (1330m.k.) u

konfinanti min-nofsinhar ma' beni tal-ahwa Zammit Haber, tramuntana in parti ma' Ghammar Street u in parti ma' beni ta' Joseph Zammit, u punent ma beni ta' Ganni Piscopo, kif ahjar murija fuq il-pjanta annessa ma' dak l-att;

2. Illi fuq dak l-att, l-intimat ma kienx qed jagixxi f'ismu personali izda biss bhala prestanome u fl-interess ta' Magnus Tait, gia iben Lawrence u Helen nee' Fraser, imwieled Shetland Islands, Skozja;

3. Illi difatti, Magnus Tait kien dakinhar digà proprjetarju tad-dar numru wieħed (1) Triq ta' Ghammar, Ghasri li huwa kien xtara bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai tad-disgha (9) ta' Lulju elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) u stante li il-Ligi dwar Akkwist ta' Proprjetà Immobbli kif vigenti u applikata dakinhar kienet tipprojbixxi lil persuna mhix residenti f'Malta milli jkollu aktar minn proprjetà wahda f'Malta, kien intlahaq qbil bejn Farrugia u Tait fis-sens li tal-ewwel jakkwista l-proprjetà fuq ismu personali izda fl-interess ta' Tait u mbaghad jittrasferiha lil Tait, gratuwitament, la darba jkun legalment possibbli ghal Tait li jakkwista l-istess proprjetà;

4. Illi fil-fatt il-flus ghall-akkwist ta' din il-proprjetà gew pprovduti fl-intier taghhom minn Magnus Tait;

5. Illi ukoll, fis-sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u wiehed (2001) kien gie ffirmat konvenju bejn Farrugia u Tait li jirrifletti dan kollu, u illi bih Farrugia obbliga ruhu li jittrasferixxi din l-art lil Tait billi l-ammont li kien gie pprovdut minn Tait ghall-akkwist tal-istess proprjetà jigi pacut mal-valur tal-proprjetà;

6. Illi dak il-konvenju ma kienx gie ezegwit ghaliex f'dak iz-zmien id-dar 1, Triq ta' Ghammar, Ghasri kienet ghadha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Magnus Tait u l-ex mara tieghu Joan Tait, u Magnus Tait kien inghata parir li kien jikkonvjeni li qabel ma jsehh it-trasferiment tal-art de quo, dik il-komunjoni tal-akkwisti tigi likwidata;

7. Illi effettivament dan sehh bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi tat-tlieta u għoxrin (23) ta' April elfejn u tnejn (2002), izda mbaghad ghal xi raguni Magnus Tait ittraskura milli japplika ghall-permess necessarju minghand il-Ministru tal-Finanzi sabiex jakkwista din il-proprjetà u ghalhekk il-konvenju baqa' qatt ma gie ezegwit;

8. Illi cjò nonostante, din l-art kienet u baqghet dejjem fil-pussess ta' Magnus Tait, illi baqa' jamministraha bhal li kieku kienet tieghu, u kien jaghmel minnha daqs li kieku kienet proprjetà eskluziva tieghu;

9. Illi infatti bejn din l-ghalqa u d-dar vera u proprja saru diversi komunikazzjonijiet tal-ilma; parti minn din l-ghalqa kienet ikkultivata bhala gnien tad-dar tal-imsemmi Magnus Tait, u sahansitra nbena garage fuq parti minn din id-dar;

10. Illi dan kollu sar bil-piena konsapevolezza u kunsens tal-intimat, illi diversi drabi pubblikament irrikonoxxa li l-art tappartjeni lil Magnus Tait;

11. Illi Magnus Tait miet fit-tmienja (8) ta' Awissu elfejn u ghaxra (2010) u halla bhala eredi universali tieghu lit-tliet uliedu l-atturi fit-termini tat-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-sittax (16) ta' Lulju tal-istess sena;

12. Illi wara l-mewt ta' Magnus Tait Anthony Farrugia biddel l-atteggjament tieghu u beda jippretendi li l-art imsemmija hija proprjetà eskluziva tieghu u sahansitra qieghed jipprova jbiegh din l-art lil terzi;

13. Illi l-esponenti ntavola mandat ta' inibizzjoni kontra Anthony Farrugia sabiex izommu milli jbiegh jew jittrasferixxi din il-proprjetà, Mandat Nru. 7/2011, liema mandat gie akkordat b'degriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Marzu 2011 u dan ir-rikors qieghed jigi pprezentat anki in sostenn ta' dan il-mandat;

L-atturi ghalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi meta sar l-akkwist mill-konvenut bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tad-disgha (9) ta' Lulju elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) tal-porzjon diviza mill-art imsejha 'Ta' Wara ta' Ghammar' fil-limiti ta' Ghasri, Ghawdex tal-kejl ta' madwar elf tliet mija u tletin metri kwadri (1330m.k.) u konfinanti min-nofsinhar ma' beni tal-ahwa Zammit Haber, tramuntana in parti ma' Ghammar Street u in parti ma' beni ta' Joseph Zammit, u punent ma' beni ta' Ganni Piscopo, kif ahjar murija fuq il-pjanta annessa ma' dak l-att, il-konvnut kien qieghed jagixxi biss bhala prestanome, ghan-nom u fl-interess u fuq inkariku ta' Magnus Tait; u illi l-akkwist seħħ bi flus somministrati mill-istess Magnus Tait;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex jersaq fuq kuntratt pubbliku permezz ta' liema dan il-fond jigi trasferit lill-atturi bhala eredi ta' missierhom Magnus Tait, b'dan li l-ispejjez kollha relatati u marbuta ma' tali trasferiment, inkluz il-hlas ta' taxxa fuq qliegh kapitali talvolta dovuti jithallsu nterament u esklussivament mill-istess atturi;

3. tinnomina Nutar pubbliku sabiex jircevi l-kuntratt relativ f'jum hin u lok illi jigi ffissat u tahtar kuratur deputat sabiex jidher fuq dak il-kuntratt ghan-nom u fl-interess tal-eventwali kontumaci fuq dan l-att.

Rat li l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu eccepixxa hekk:-

1. Preliminarjament it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-atturi qeghdin jinvokaw obbligazzjoni li m'ghandha ebda effett billi maghmula fuq kawza illecita (artikolu 987 tal-Kap. 16), cioe' kawza li hija pprojbita mill-ligi (artikolu 4 tal-Kap 246), u kuntrarju ghall-ordni pubbliku;

2. Il-kontensjoni tal-atturi kif imfissra car fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat taghhom, haga li pero' l-

eccipjenti jichad kategorikament, hija msejsa fuq il-kuncett ta’ mandatarju *prestanome* li huwa dak li apparentement jezercita d-drittijiet tal-proprjetarju mentri fir-realta’ mhux hlief il-mandatarju. Il-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta’ jaghmel huwa nnifsu (artikolu 1857 tal-Kap 16). Altrimenti l-mandat ikun ibbazat fuq kawza llecita, u allura l-mandanti ma jkollu ebda azzjoni kontra l-mandant (Kollez. XXXIV.ii.632). Magnus Fraser Tait ma setghax jakkwista proprjeta’ Malta jekk mhux bil-permess skond il-ligi precitata, kif *ex admissis* iddikjaraw l-atturi, u allura fin-nuqqas ta’ dan  il-permess Magnus Fraser Tait ma setghax jaghti mandat lill-konvenut biex dan jaghmel ghan-nom tieghu dak li huwa kien prekluz li jaghmel bil-ligi. Konsegwentement il-ftehim li qed jigi allegat li kien hemm bejn Magnus Fraser Tait u l-konvenut huwa bazat fuq kawza illecita, u ghalhekk la tista’ tintalab u wisq anqas ma din il-Qorti tista’ tiehu konjizzjoni tal-inadempjenza ta’ dan l-allegat ftehim jew tordna l-esekuzzjoni ta’ ftehim li sar kontra l-ligi li, tenut kont tal-esigenza socjali taghha, hija wahda ta’ ordni pubbliku;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

4. Illi l-eccipjenti jichad bil-qawwa kollha li bejnu u Magnus Fraser Tait, missier l-atturi, kien hemm il-ftehim allegat mill-atturi;

5. Illi l-art inxtrat validament mill-eccipjenti f’ismu u fl-interess tieghu personali u ta’ hadd aktar, u l-atturi m’ghandhom ebda jeddijiet fuqha, u kull meta missierhom thalla jaghmel uzu minnha, dan kien bil-beneplacitu u tolleranza tal-eccipjenti u mhux b’xi dritt;

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza  nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li meta l-konvenut deher fuq il-kuntratt ta' akkwist ta' l-ghalqa imsejha 'Ta' Wara ta' Ghammar' fil-limiti ta' Ghasri, Ghawdex tal-kejl ta' madwar 1330m.k. fid-9 ta' Lulju 1982 in atti Nutar Dottor Michael Refalo huwa kien qieghed jagixxi bhala prestanom ta' missierhom Magnus Tait.

Illi l-konvenut fil-mertu jichad tali ftehim izda preliminarjament eccepixxa li l-atturi qeghdin jinvokaw obbligazzjoni li m'ghandha ebda effett billi maghmula fuq kawza llecita u kuntrarju ghall-ordni pubbliku.

Illi mill-atti jirrizulta s-segwenti:

- Magnus Fraser Tait kien xtara d-dar numru (1) Triq ta' Ghammar, Ghasri, Ghawdex permezz tal-kuntratt tad-9 ta' Lulju, 1981 fl-atti tan-Nutar Dottor Emanuel Cefai. Jirrizulta li sabiex sar dan il-kuntratt kien inhareg il-permess a tenur tal-Kap 246[1]. Dak iz-zmien Magnus Tait kien mizzewweg.

- Permezz ta' kuntratt tad-9 ta' Lulju 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo[2] Anthony Farrugia xtara minghand Giorgia Meylak l-art mertu tal-vertenza odjerna li l-atturi jsostnu li dakinhar il-konvenut kien qieghed jagixxi bhala prestanom fl-interess u fuq inkarigu ta' missierhom Magnus Tait.

- Ebda permess ma kien inhareg a tenur tal-Kap 246 sabiex sar il-kuntratt tad-9 ta' Lulju 1982.

[1] Xhieda ta' Bernard Bonnici fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012 a fol 177 et seq tal-process
[2] Dok G a fol 15 tal-process

- Fis-17 ta' Dicembru 2001 saret skrittura bejn Anthony Farrugia (venditur) u Magnus Fraser Tait (kumpratur) ghall-bejgh ta' din l-istess art.

- Fit-23 ta' April 2002 gie pubblikat il-kuntratt bejn Magnus Fraser Tait u Joan Tait (li minnu kienet divorzjata) li permezz tieghu huwa gie assenjat nofs indiviz tal-proprjeta' numru (1) Triq ta' Ghammar, Ghasri, Ghawdex.

- Sussegwenti ghal tali kuntratt, iddahlet applikazzjoni fit-8 ta' Mejju 2002 f'isem Magnus Frazer Tait fid-dipartiment tat-taxxi interni sabiex jinhareg permess biex Tait jixtri porzjon art 'Ta' Wara l-Ghammar', limiti ta' Ghasri li tigi ma genb il-proprjeta' li kien xtara qabel. Jirrizulta li l-applikazzjoni bdiet tigi processata. Ghall-ewwel id-dipartiment waqaf mill-ipprocessar peress li din l-applikazzjoni dahlet biss f'isem ir-ragel u mhux fuq isem il-konjugi. Fit-28 ta' Mejju 2002 id-dipartiment ircieva l-kuntratt li sar bejn Magnus Frazer Tait u martu. Ma hargitx cara r-raguni pero' tali applikazzjoni ma jidhirx li giet segwita bil-konsegwenza li l-permess baqa' ma nharigx.

L-istitut u l-figura tal-prestanom huwa accettat fis-sistema legali taghna. Huwa risaput fil-gurisprudenza taghna illi ghalkemm proprjeta` tinxtara f'isem mandatarju prestanom dan jaghmlu f'isem u fl-interess tal-mandant. Bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat[3]. Inoltre "*l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' haddiehor jiswa avolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirenti u l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub*"[4].

Fil-kawza **Maria Calleja noe vs Paolo Deguara**[5] gie osservat: "*nulla osta in legge a che, senza impugnare*

[3] Profs. Anthony J. Mamo noe vs Nobbli Charles Sant Fournier noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta` Mejju, 1957

[4] Vol 34 p2 p430; Vol 37 p1 p 350; Vol 27 p1 p 620 u p 60; **Maria Attard vs Filippa Abela,** Appell Civ Nru: 2463/2000 deciz fid-29 ta' Mejju, 2009

[5] Qorti tal-Appell deciza fl-10 ta' Ottubru 1930 Vol.XXVII.i.620

*un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell' atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse*.”. Fir-rigward tal-kuncett ta' *prestanome* insibu li fis-sentenza fl-ismijiet **Professur Anthony Mamo noe vs Charles Sant Fournier** gie ritenut li:

“*Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jezercita drittijiet ta' proprjetarju mentri fir-realta' mhux hlief il-mandatarju. Meta hu, f'din il-kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta' tal-haga kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta' tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi trasferita l-proprjeta' tal-haga u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiż akkwirenti mhux hlief mandatarju. Ghar-rispett ta' terzi jibqa' l-principju illi rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palesi, ma jipproducu ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant.*”

Illi din il-Qorti hija sodisfatta bil-provi migjuba li fil-fatt meta sar il-kuntratt tad-9 ta' Lulju 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo Anthony Farrugia kien qieghed jikkuntratta bhala *prestanome* ghal Magnus Frazer Tait. Il-qorti waslet ghal tali konkluzjoni ghas-segwenti ragunijiet:

- Fl-affidavit tieghu l-Avukat Dr Carmelo Galea ta spjegazzjoni ghalfejn kien sar il-konvenju tal-2001 bejn Tait u l-konvenut Farrugia. Huwa xehed hekk: *“Jiena sirt naf lil Magnus Tait l-ewwel darba fl-2001. Qrib l-ahhar ta' dik is-sena, Magnus Tait kien gie ma' Anthony Farrugia fejni u spjegawli li Tait kien proprjetarju tal-fond 1, Triq Ghammar, Ghasri; kif ukoll ta' porzjoni ta' art ta' madwar elf tlett mija u tletin metri kwadri (1330m.k.) li tigi wara u magenb dik id-dar. Spjegali li dik l-art kienet inxtrat fuq isem Anthony Farrugia pero' fil-verita' l-flus ghall-akkwist*

*kien harighom kollha Tait. L-unika raguni l- ghala l-art ma kinitx giet akkwistata fuq isem Tait mill-ewwel kienet li Tait kien inghata parir, meta huwa kien gie biex jixtri din l-art li la darba ma kienx xtraha meta xtara d-dar tieghu kienet tigi kkunsidrata bhala proprjeta' ohra u ma kienx ser jinghata permess minghand il-Ministru tal-Finanzi, l-hekk imsejjah 'AIP permit'."*

- Fil-konvenju redatt fis-17 ta' Dicembru 2001 bejn Tait (kumpratur) u Farrugia (venditur) gie dikjarat li dan il-bejgh ta' l-art mertu tal-vertenza odjerna kien se jsir taht dawn il-kundizzjonijiet:

*"a. For the price of eight hundred Malta Liri (Lm800) which are to be set off with a similar amount forwarded by the purchaser to the vendor on the occasion when the vendor acquired the property way back in 1982.*

*b. With the warranty of peaceful possession and quiet enjoyment in terms of law and subject to the usual searches on the root of title.*

*c. The expenses of the final contract shall be paid by the purchaser, including any capital gains tax which shall become payable by the vendor as a result of the sale.*

*d. Purchaser shall be put in possession of the immovable on the deed of sale.*

*e. The immovable shall be sold 'tale quale' in its present state and condition.*

*f. Final contract shall be published by not later than two (2) months from the issue of the permit necessary in terms of law for a non resident to acquire immovable property in Malta."*

- Illi fil-kuntratt tad-9 ta' Lulju 1982 Anthony Farrugia xtara l-art *de quo* ghall-prezz ukoll ta' Lm800.

- Fil-fehma tal-Qorti din mhux kumbinazzjoni meta bit-trapass taz-zmien l-art kellha zgur toghla fil-valur. Il-

versjoni tal-konvenut hija li fiz-zmien huwa u Magnus Tait kienu jaghmlu xi xoghol flimkien u mill-ahhar negozju kien baqaghlu jaghti xi flus lil Magnus Tait u kien ghalhekk li fil-konvenju tas-sena 2001 gie dikjarat hekk. Oltre’ dan zied ighid li l-ftehim ghall-bejgh ta’ din l-art kien li jigi saldat l-ammont li kien baqaghlu jaghti u Magnus Tait jzidu l-flus. Il-prezz kien ferm akbar minn dak dikjarat fil-konvenju izda bhala barrani Tait ried jiddikjara l-flus mal-Bank Centrali kif kien dahhalhom hawn Malta, u huwa kellu diffikulta’ biex jaghti prova minn fejn kienu originaw il-flus. Minn dan kollu Dr  Galea ma kienx konsapevoli.

- Madankollu l-Qorti tqis din il-versjoni bhala wahda mhux kredibbli. Ibda biex, il-konvenut ghazel li jiffirma l-konvenju tas-sena 2001 fejn fih hemm dikjarazzjoni cara li Tait kien ghadda l-ammont ta’ Lm800 lil Farrugia fl-okkazzjoni tal-kuntratt ta’ akkwist ta’ l-istess art.  Huwa jghid ukoll li kien ikkonsulta ma’ Michael Grech Financial Investments Limited dwar kif ser isehh it-trasferiment ta’ dawn il-flus izda lil Michael Grech ma pproducihx bhala xhud. Kwistjoni ohra li tkompli ssahhah il-fehma ta’ din il-Qorti li Farrugia kien miftiehem ma’ Tait biex jixtri ghaf-favur tieghu huwa wkoll il-fatt li fil-konvenju tal-2001 Tait assuma wkoll li jhallas il-*capital gains tax* li mhux haga solita.

- Apparti dan kollu, ghalkemm il-konvenut isostni li Tait dahal fil-pussess ta’ parti mill-art bhala gnien wara li gie ffirmat il-konvenju fl-2001, jirrizulta li Tait kien fil-pussess tal-art sa minn snin qabel. Tant huwa hekk li mid-dokumenti ezebiti mis-sur Mark Cini f’isem il-MEPA jirrizulta li l-ewwel darba li Tait kien applika ghal permessi tal-bini fuq l-art inkwistjoni kien fl-1986.

- Episodju iehor li jaghti x’tifhem li l-art kienet fil-pussess ta’ Magnus Tait huwa meta Tait biegh lil certu George Vassallo madwar 1.20 metri mill-wisa’ taghha ghal tulha kollha u l-istess Farrugia lanqas biss induna li l-art djieqet.

- Oltre’ dan kienu diversi x-xhieda li semghu lil Magnus Tait jispjega li l-konvenut kien ghamillu pjacir billi xtara din l-art fl-interess tieghu peress li huwa dak iz-zmien ma

setax jixtriha, u xehdu wkoll li l-art dejjem kienet fil-pussess ta' Tait u Farrugia kien konsapevoli ta' dan[6]. Magnus Tait u Anthony Farrugia kienu hbieb sew. Jacqueline Roberts[7] li ghamlet zmien kienet is-siehba ta' Magnus Tait filwaqt li kkoroborat mad-diversi xhieda mressqa mill-atturi, ipprezentat ukoll r-ritratt immarkat bhala Dok JR4[8] li ddikjarat li kien mehud qabel ma gie ffirmat il-konvenju fis-sena 2001 u li juri l-art *de quo* b'Magnus Tait fiha u li fl-istess ritratt tidher xatba li kienet taghti mill-gnien tad-dar ta' Tait direttament ghal din ir-raba'.

Stabbilit dan, din il-Qorti ma tistax tieqaf hawn f'dan il-kaz. Infatti kif ammess mill-istess atturi fiz-zmien li gie ppubblikat il-kuntratt ta' l-akkwist tar-raba' inkwistjoni fid-9 ta' Lulju 1982, Magnus Tait, bhala persuna mhux residenti f'Malta, ma setax jixtri din ir-raba' huwa personalment peress li kien diga' proprjetarju tad-dar tieghu li kien xtara sena qabel. Irrizulta wkoll li ma saret l-ebda talba sabiex jinhareg il-permess a tenur tal-Kap 246. Ghalhekk huwa evidenti li dan il-ftehim sar biss sabiex tigi evaza l-projbizzjoni tal-ligi. Kwindi l-iskop tal-ftehim kien illecitu. Dan il-ftehim kellu l-iskop uniku li jeludi l-applikazzjoni ta' l-artikolu 3 tal-Kap 246 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **John William Haynes et vs Michelle Schembri et**[9] li fiha nsibu rassenja tal-gurisprudenza:

*"Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/NC) fil-kawza '**Andrews et vs Borg'** tal-31 ta' Ottubru 2003 kien ritenut illi –*

*Hu pacifiku fil-gurisprudenza li 'hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fil-kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija pprojbita mill-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali.*

[6] Ara xhieda ta' l-ahwa Mario u Anton Galea, affidavits a fol 39 et seq tal-process u kontro-ezami taghhom a fol 237 et seq tal-process
[7] Affidavit a fol 47 tal-process u kontro-ezami a fol 233 et seq tal-process
[8] A fol 52 tal-process
[9] Rik Nru: 187/2009JZM deciza fit-28 ta' Frar 2011

*Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista' tigi sollevata mill-Qorti ex officio".*

*---------Omissis-----------------------*

*Skond il-Kap.246, fiz-zmien tal-kaz, il-procedura li persuna meqjusa skond il-ligi bhala mhux residenti f'Malta kellha tosserva sabiex tkun tista' takkwista proprjeta' hawn Malta kienet illi titlob permess minghand il-Ministru tal-Finanzi. Infatti l-Art.6 jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghti permess bil-miktub lill-persuna mhux residenti biex takkwista proprjeta` immobbli li tkun specifikament indikata fil-permess, jekk fil-fehma tal-Ministru, ikun fl-interess pubbliku jew ikun xort'ohra xieraq li jinghata dak il-permess. L-istess disposizzjoni mbaghad tispecifika l-mod kif dan il-permess jista' jinhareg.*

*Fil-kaz tal-lum, dik il-procedura giet evitata ghaliex il-konvenuta Michelle Schembri dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist bhala prestanome ta` l-attur missierha unikament sabiex tithallas rata ta` taxxa aktar baxxa ghax applikabbli ghal persuni residenti Malta milli kien ihallas l-attur li kieku deher hu fuq il-kuntratt ladarba ma kienx residenti Malta.*

*L-iskop ta` l-Kap.246 kien li jikkontrolla fl-interess generali tal-pajjiz l-akkwist ta` propjeta` mmobbli f`dawn il-Gzejjer minn persuni mhux residenti, irrispettivament mill-forma ta' l-akkwist, kif ukoll sabiex irazzan l-akkwist f`dawn il-Gzejjer minn persuni mhux residenti sabiex tigi evitata spekulazzjoni fis-suq tal-proprjeta` f`Malta.*

*Skond l-**Art.1857** tal-Kap.16, 'il-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta' jaghmel huwa nnifsu'. Issa ladarba fil-kaz tal-lum l-atturi ma kienux residenti f'Malta fiz-zmien li kien sejjer isir l-akkwist tal-garage de quo u ladarba rrizulta li l-attur John Haynes ma kien talab l-ebda permess skond il-Kap.246 sabiex ikun jista' jakkwista din il-propjeta` f`Malta, il-ftehim kien kontra l-ordni pubbliku. L-atturi bhala persuni mhux residenti f`Malta ma setghux jakkwistaw proprjeta' f`Malta jekk mhux bil-permess skond il-Kap.246. Allura l-atturi ma setghux jaghtu mandat lill-konvenuta binthom sabiex din*

*taghmel f`isimhom dak li kienu prekluzi milli jaghmlu hlief bil-procedura kontemplata mil-ligi li huma ben konsapevoli ghazlu li jikkontravjenu sabiex igawdu minn rohs illecitu fil-hlas tat-taxxa.*

*Huwa minnu illi barranin illum jistghu jakkwistaw proprjeta` wahda f`dawn il-Gzejjer, izda xorta wahda baqghet il-htiega li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet koncernati sabiex tista` tigi akkwistata validament dik il-propjeta`. Dan l-obbligu ma gie bl-ebda mod dispensat anke jekk forsi llum l-applikazzjoni saret aktar formalita`.*

*F`dak li din il-Qorti qeghda tghid issib sostenn u konfort fis-sentenza moghtija fit-3 ta` Dicembru 2004 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **`Lucchesi et vs Sultana et`.***

*Ghal din il-Qorti l-mandat tal-attur favur bintu l-konvenuta Michelle Schembri fil-kaz tal-lum kien afflitt minn kawza llecita.*

*Skond l-**Art.987** tal-Kap.16 - 'L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illecita, m'għandha ebda effett'. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuti ghall-ezekuzzjoni tal-mandat u cioe` li jittrasferixxu l-fond de quo lill-atturi. Ighid **Laurent** (Vol.XXVII Para.402) –*

*"Quando il fatto e' illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione ; e' una obbligazione fondata su causa illecita, poiche' la causa si confonde con l` oggetto dei contratti ; e quando la causa e' illecita l' obbligazione e' inesistente e non puo' avere alcun effetto"*

*Maghdud mal-premess, din il-Qorti tghid li ghall-kaz tal-lum huwa operattiv il-principju tad-dritt li hadd ma jista` jiehu vantagg mit-turpitudini tieghu stess (ex turpi non oritur actio). Din il-massima tfisser li hadd ma jista' jibbaza azzjoni gudizzjarja fuq att immorali jew illegali. Issib applikazzjoni naturali (ghalkemm mhux hekk ristretta) fil-kamp tal-kuntratti meta l-kawza tkun illecita. Fil-kawza **"Scicluna vs Abela"** (Vol.XXXII.I.174) il-Qorti tal-Appell kienet affermat il-principju li l-Qrati ma jistghux ighinu jew*

*jagevolaw lil dak li jkun ghamel xi haga llecita (ara wkoll -* ***"J.M.V. Holding Limited et vs Karina Holdings Limited et"*** *– Qorti tal-Appell - 30 ta' Novembru 2007".*

Illi ghalhekk fil-kaz odjern il-mandant (Magnus Tait) ma setax personalment jixtri l-fond minhabba d-divjet impost mill-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobbli minn Persuni mhux Residenti. Ghalhekk l-art fir-realta' inxtrat minn Anthony Farrugia. Huwa wkollirrelevanti li sussegwenti saret emenda wara d-data tal-kuntratt *de quo* u li setghet tintitola lill-missier l-atturi li jixtri ghaliex id-data relevanti ai fini tal-kawza odjerna hija d-data tal-kuntratt ossia 9 ta' Lulju 1982. Infatti hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Saliba et vs Benigno Saliba et[10]: "***F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Judith Lucchesi nomine vs Rita Sultana proprio et nomine et*** *deciza fit-3 ta' Dicembru 2004, li ttrattat punt identiku u qalet li kull obbligazzjoni li twieldet minn ftehim simili ghandu jitqies bhala bazat fuq kawza illecita u ma setatx tordna l-ezekuzzjoni tal-ftehim[11]. Inoltre, kwalsiasi emenda li setghet saret fil-ligi wara d-data tax-xiri u li setghet tintola lill-attur li jixtri proprjeta' f'Malta ghalkemm residenti barra minn Malta, mhi tal-ebda konsegwenza in kwantu hu rilevanti x'kienet tghid il-ligi fiz-zmien tal-allegat ftehim bejn Carmel Saliba u l-genituri tieghu. Kieku l-qorti emmnet il-verzjoni tal-atturi, kien ikun ifisser li l-akkwist sar bhala mezz biex jeludi l-applikazzjoni ta' provvediment imperattiv, cjoe' akkwist biex iqarraq bil-ligi".*

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tal-

[10] Cit Nru: 107/2007AE deciza fl-1 ta' Ottubru 2009

[11] Fil-kawza **Raymond Mifsud vs Emanuel Magri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ImhallefG. Caruana Demajo) fl-4 ta' Mejju 2001, il-qorti kkonkludiet: *"Ladarba kien hemm ksur ta' ligi ta' ordni pubbliku, il-qorti ma tistax tqis dan il-ksur bhala xi haga irrelevanti. Iz-zewg partijiet kisru l-ligi, u ghalhekk ma jistghux issa jinqdew bil-ligi biex ifittxu rimedju kontra xulxin talli, ghax kiser il-ligi, xi wiehed minnhom mar minn taht. It-tnejn kienu komplici fl-illegalita' u ghalhekk issa l-ligi ma tghinhomx: kullhadd jibqa' b'li ha; in pari turpitudinis causa melior est causa possidentis.".*

konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez a karigu ta' l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------